**Unicef "Għat-Tfal tad-Dinja"**




Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ Munita Kommemorattiva tal-Fidda taħt il-Programm Internazzjonali ta' Muniti tal-UNICEF "Għat-Tfal tad-Dinja" biex jitfakkar Għeluq il-50 Sena mit-twaqqif tal-UNICEF u s-servizz dejjem għaddej tagħha lit-tfal. L-għan ta' din il-ħarġa kien li jinġabru l-flus għat-titjib tal-qagħda tat-tfal madwar id-dinja kollha. Kif kien isir fl-imgħoddi, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħallas prezz fiss bi ftehim lill-UNICEF għal kull munita li hu biegħ. U biex iżid jgħin il-kawża nobbli tal-UNICEF, il-Bank qatagħha li, barra minn hekk, iqassam ukoll il-qligħ kollu mill-bejgħ ta' din il-munita f'Malta lill-għaqdiet lokali mwaqqfin sabiex jgħinu lit-tfal, filwaqt l-qligħ li jagħmel mill-bejgħ li jsir barra jagħtih lill-UNICEF. In-naħa ta' quddiem tal-munita turi l-Arma tar-Repubblika ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 1997, filwaqt li fuq in-naħa ta' wara jidher tfajjel qiegħed iżiegħel b'kelb, kompjuter fil-ġenb u l-"logo" tal-UNICEF. Il-munita kienet inħarġet b'ħidma għalenija ma' *Paramount International Coin Corporation (USA*), u stampata fiz-zekka Valcambi, fl-Isvizzera. Id-disinn tal-munita hu ta' l-artist Malti s-Sur Noel Galea Bason.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 25,000 |